# IT-TIENI ATT

***L-istess xena tal-palazz***
***imżejna għall-Ballu t'għeluq snin ir-Reġina.***

---

XENA 10
Prassede, Awreljo , Fjakk, Suldati, Sefturi, Sultan ( bħala l-Kaptan)

*PRASSEDE BIL-QIEGĦDA TIRRAKKMA*
*ŻEWĠ SEFTURI JFARFRU*

*JIDĦOL FJAKK MAS-SULDATI (Xellug-1)*

FJAKK Nobbli Prassede... wasal viżitatur li jixtieq ikellem lis-Sultan.

PRASSEDE Ma tafx li bħal-lum is-Sultan ma jkunx hawn. Għidlu jiġi għada.

FJAKK Qal li għada ma jistax jiġi... jew illum jew xejn.

PRASSEDE Impertinenti. Dan min jaħseb li hu?

SULDAT 1 Qal li hu Kaptan tan-Navy Spanjola.

SULDAT 2 Il-Kaptan Rodriquez de Fonseca...

PRASSEDE *(B'ferħ u stagħġib)* Il-Kaptan Rodriquez !? X'waħda din.. mela tassew! *(Lis-Sefturi )* Morru fittxu lill-Kanċillier Awreljo u għidulu jiġi hawnhekk malajr. U intom *(lis-suldati)* morru fittxu għidu lill-Kaptan Rodriquez jidħol hawn... quddiemi.

*FJAKK U S-SULDATI JITILQU (Xellug-1)*

PRASSEDE Il-Kaptan Spanjol Rodriquez de Fonseca! Nieħu gost niltaqa' ma' xi ħadd Spanjol. Il-buż-buż-nanna tiegħi kienet Spanjola. Għadni niftakarha: Segnora Hwanita de Monroy.

*JIDĦOL AWRELJO (Lemin-2)*

AWRELJO X'inqala' nobbli Prassede?

PRASSEDE Għadu kemm wasal?

AWRELJO Min?

PRASSEDE Il-Kaptan Spanjol... dak li jixbah is-sultan.

AWRELJO Ara x'kull waħda !

*JIDĦOL FJAKK MAŻ-ŻEWĠ SULDATI (Xellug-1)*

FJAKK Rodriquez de Fonseca... Kaptan tan-Navy Spanola

*JIDĦOL IL-KAPTAN (SULTAN) -- (Xellug-1)*
*FJAKK U S-SULDATI JITILQU (Xellug-2)*

SULTAN *(Imur dritt fuq Prassede)* Oh... Il-Maesta' Tagħha r-Reġina Flora li kulħadd jitkellem fuq il-ġmiel bla qies tagħha. *(Jersaq ibusilha idha)*

PRASSEDE Skużani... għandek żball... jiena il-mama' tagħha...

SULTAN Le... ma jistax ikun. Bil-fors hemm xi żball. Jekk inti taħbat il-mama' tagħha.. mela allura l-Maesta' Tagħha r-Reġina ma jistax ikun li għandha aktar minn għaxar snin.

PRASSEDE *(Iddur fuq Awreljo)* Kemm huwa ġentili. *(lill-Kaptan)* Jiena naħbat in-Nobbli Prassede.

SULTAN Prassede!!! Oh... isem li tħossu jippressak u jżidlek il-pressjoni.

PRASSEDE Kemm huwa galantom. U dan huwa Il-kanċillier Awreljo, ħabib kbir tal-familja rjali.

SULTAN *(Jersaq jgħannqu u jbusu)* Għandi pjaċir bil-konoxxenza.

AWRELJO Afli tassew ħaġa ta' l-iskantament! Wiċċ wieħed. L-istess għajnejn... l-istess qies...

PRASSEDE X'meravilja, anki għandhom l-istess leħen.

AWRELJO Donnu s-Sultan liebes ta' Kaptan....

SULTAN Qaluli li l-Maesta' Tiegħu mhuwiex hawn.

PRASSEDE Dażgur bħal-lum is-Sultan imur iqatta' ġurnata mal-baħar.

SULTAN Kemm jiena sfortunat. U llum hija l-unika ġurnata li għandi bil-frank. Se nkun imħabbat ħafna bix-xogħol sigriet li għandi u ma nistax nerġa' niġi darba oħra.

AWRELJO Jaħasra kemm se jiddispjaċih is-Sultan. Tgħidx kemm xtaq jarak.

SULTAN Jiena propju għalhekk ġejt. Kulħadd jgħid li jien u s-Sultan nixxiebhu perfettament. Xtaqt niltaqa' miegħu wiċċ imb'wiċċ.

AWRELJO Min jaf kieku tqatta' jumejn magħna?

SULTAN Ma nistax... ikunu jistennewni...

AWRELJO Uuu... nibagħtulhom risposta li se tkun il-mistieden tas-Sultan.

PRASSEDE Iva hekk nagħmlu... ma jistax ikun li tmur lura mingħajr ma jilħaq jarak is-Sultan.

AWRELJO Dażgur... jeħtieġ li tibqa' hawn sa ma jiġi s-Sultan.

SULTAN Ma jistax ikun. Għax... għax... il-vapur tiegħi irid jitlaq il-lejla.

PRASSEDE Eh.. hekk mod ieħor. Kemm se jiddispjċih is-sultan!

AWRELJO Allura... ħalli l-vapur jitlaq mingħajrek.

SULTAN *(Irrabjat)* Jien il-KAPTAN u l-vapur ma jistax jitlaq mingħajri! *(Jibdel it-ton)* Imma ma jimpurtax, wara kollox, il-fatt li rnexxieli niltaqa' man-nobbli u sbejħa Prassede, għalija diġa biżżejjed. M'għandix għalfejn niltaqa' mas-Sultan.

PRASSEDE Kemm inti ġentili u grazzjuż. *(lil Awreljo)* Taf x'qed ngħid, tassew li jixbah lis-Sutan perfettament.... imma jkolli nammetti li hemm xi ħaġa differenti. Xi ħaġa hekk... ma nafx, xi ħaġa li tħossha tiġbdek.

AWRELJO Forsi d-demm Spanjol.

PRASSEDE Iva. hekk hu. *(lill-Kaptan)* Tafx li jiena kelli l-buż-buż-nanna Spanjola?

SULTAN *(Aside lil Awreljo)* Din qatt ma kont nafha. Tassew?

PRASSEDE Kienet għallmitni nitkellem ftit bl-ispanjol wkoll....

AWRELJO Uuu... il-Kaptan tgħidx kemm jaf itaqtaq bl-Ispanjol.

PRASSEDE Tassew? *<u>Bwenos dijas enkantada</u>.*

SULTAN Iva.. hmmm ... imma meta nkun barra mill-pajjiż ma nħobbx nitkellem bl-ispanjol. Ma nkunx irridhom jaħsbu li rrid nimpressjona.

PRASSEDE Isa... ħa nara.. jiena qatt ma jkolli l-opportunita' nitkellem ma' ħadd bl-Ispanjol. *<u>Ke tal kerido? Estes tan kontento de estar aki' kon nosotros?</u>* eh.. eh.. *<u>Ke tal ?</u>* Eh ? Eh? *<u>Ke tal ?</u>*

SULTAN ***Ole' !***

PRASSEDE Kemm hu grazzjuż u ċajtier.

AWRELJO Grokk bis-saħħa tal-Kaptan Rodriquez...

SULTAN *(Lil Awreljo)* Ma tafx li meta tkun... *(jirrealizza fil-pront)* Hmmm dażgur, dażgur. Grokk bis-saħħa tal-Kaptan Rodriquez.

*AWRELJO JFERRAGĦ*

ILKOLL Bis-Saħħa tal-Kaptan Rodriquez *(jixorbu)*

AWRELJO Ieħor!

SULTAN Mhux aħjar toħduni niltaqa' mal-Maesta' Tagħha r-Reġina.

PRASSEDE Iva tassew! Hekk xieraq. Ir-Reġina tinsab fuq ix-xwiek biex tarak. *(Tippreżentalu driegħha biex jimxi magħha lambranzetta. Awreljo għadu jixrob)*

SULTAN *(lil Awreljo)* In-Nobbli Kanċillier mhuwiex ġej magħna.

AWRELJO Iva... dażgur.. dażgur... minuta *(iferragħ grokk ieħor -- jixorbu u jitlaq jiġri jilħaqhom).*
Bis-Saħħa tal-Kaptan Rodriquez.

*JITILQU (Lemin-2)*
*JIDĦLU L-PRINĊIPESSA U DOLINDO (Xellug-1)*

---

## XENA 11
Dolindo - Ġjaċinta

ĠJAĊINTA Dolindo tiegħi... noħlom bik lejl u nhar.

DOLINDO ĠĠĠjaċinta ta' qalbi... għadek ma tafx k-k-k-kif qlibtli moħħi ta' taħt fuq.

ĠJAĊINTA Għajnejk donnhom perlini tal-Karnival.

DOLINDO Xofftejk d-d-donnhom ħelu tal-ġġġġġuġu'.

ĠJAĊINTA Dolindo !

DOLINDO ĠĠĠjaċinta !

ĠJAĊINTA Dolindo !

DOLINDO ĠĠĠjaċinta !

*<u>ĠJAĊINTA u DOLINDO IPOĠĠU FUQ IS-SUFAN JINNAMRAW</u>*

*<u>JIDĦLU ERBA’  SEFTURI</u> (Lemin-2)*

| XENA 12 |
|---|
| SEFTURI 1 - 2 - 3 - 4 |

SEFTURA 1 Rajtu lill-Kaptan?

SEFTURA 2 Wiċċ is-Sultan preċiż... ma jħallilu xejn.

SEFTURA 3 Insomma... imma aktar ħelu minnu.

SEFTURA 4 Tassew! Dan il-ħin kollu jitbissem. U jieqaf ikellem lil kulħadd.

SEFTURA 2 Lili daħakli

SEFTURA 3 U lili għemiżni.

SEFTURA 1 Kemm hu grazzjuż!

SEFTURA 4 Sewwa jgħidu li dawn l-Ispanjoli m'hawnx isbaħ minnhom.

SEFTURA 2 Dnub li mhux se jqatta' mqar ġimgħa magħna.

SEFTURA 3 Kieku jibqa' magħna għall-Ballu tal-lejla.. forsi jirnexxili niżfen waħda miegħu.

SEFTURA 1 Xejn m'għandu x'jaqsam mas-sultan... daqs kemm hu supperv dak.

SEFTIURA 4 Donnu wiċċ Laskri.

SEFTURA 2 Imma dan mod ieħor!

FLIMKIEN X'inhu ħelu !!

*<u>JITILQU 'L BARRA</u> (Lemin-1)*
*<u>JIDĦLU L-KAPTAN (S-SULTAN), AWRELJO, PRASSEDE u REĠINA.</u> (Xellug-2)*
*<u>(ĠJAĊINTA u DOLINDO għadhom waħidhom ġo rokna)</u>*

## XENA 13
Ġjaċinta - Dolindo - Sultan -Awreljo - Prasede - Reġina

ĠJAĊINTA *(Tinħasad għax lill-Kaptan taħsbu missierha)* X'waħda din!!! Il-Papa' !

PRASSEDE U le, Ġjaċinta ruħi... dan huwa l-Kaptan Spanjol Rodriquez de Fonseca.

REĠINA Hux tassew kemm jixbah lill-Papa'.

ĠJAĊINTA Ajma x'qatgħa kont ħadt. Wiċċu preċiż !

PRASSEDE Kaptan, din hija l-Prinċipessa Ġjaċinta.

SULTAN Għandi pjaċir bil-konoxxenza. U dak x'inhu jagħmel hawn... hmmm.. ridt ngħid, dan min jaħbat ?

PRASSEDE Dan in-nobbli Dolindo... bin il-markiż Alfiero di Xpakka Muntanji.

AWRELJO L-għarus tal-Prinċipessa... se jiżżewġu dalwaqt.

SULTAN Kif inhi din !?

REĠINA Is-sultan għadu ma jaf b'xejn.

PRASSEDE Għax... ħa ngħidlek jiena Kaptan. Darba fil-ġimgħa, is-Sultan imur iqatta' jum għall-arja tal-baħar.... għax hekk ordnalu t-tabib. U allura waqt lis-Sultan ma jkunx hawn, lil Ġjaċinta qed illaqqgħuha bil-moħbi mal-maħbub tagħha.

SULTAN Prosit !

PRASSEDE Kollha biċċa tiegħi tafx. Mhux sew... povra tifla nħalluha qalbha maqsuma.

AWRELJO Qalbha maqsuma!

SULTAN *(idur fuq Awreljo)* Prosit! *(Lil Dolindo)* U inti xi tgħid ġuvnott ?

DOLINDO Li.. li... li ma kienx d-d-d-dak il-qalb ħadra ta' ta'ta' Sultan... kieku jien u ĠĠĠĠjaċinta niżżewġu għadha!

ĠJAĊINTA Dolindo!

DOLINDO ĠĠĠjaċinta!

ĠJAĊINTA Dolindo!

DOLINDO ĠĠĠjaċinta!

SULTAN Issa jekk is-Sultan isir jaf ?

AWRELJO U... s-Sultan kif tridu jsir jaf ???

PRASSEDE Dak bħal-lum ma jersaqx 'l hawn qabel jibda jidlam. Iqatta' l-jum hemm... għall-arja tal-baħar, waħdu. Għax it-tabib qal li wiċċu qed isir pallidu. U allura waqt li wiċċ is-sultan ikun qed jeħmar bix-xemx u l-arja tal-baħar, il-qlub ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ ikunu qed jeħmru bl-imħabba.

ĠJAĊINTA Jien u Dolindo se ninżlu ftit sal-ġnien.

PRASSEDE *(B'awtorita')* Flora. Mur magħhom.

ĠJAĊINTA *(Bil-geddum)* Isss...

REĠINA Imxu ċkejknin tiegħi... imxu ħalli lil Dolindo nuruh ix-xtieli tad-dalji kemm kibru.

*REĠINA - ĠJAĊINTA u DOLINDO JITILQU*
*(Lemin-1)*

XENA 14

Sultan - Awreljo - Prassede - Fjakk

SULTAN — Imma jiena smajt li s-Sultan qatt mhu se jagħti l-kunsens tiegħu biex iseħħ dan iż-żwieġ.

PRASSEDE — Dwar dan aħna ħallejna kollox f'idejn il-ħabib tagħna Awreljo.

AWRELJO — *(Mifxul... iqaħqaħ)* Hmmm... iva... iva... imma issa ħallina minn dan.

PRASSEDE — Awreljo wegħedni li se jipprova jikkonvinċi lis-Sultan biex jagħti l-kunsens tiegħu għal dan iż-żwieġ.

SULTAN — X'inhu? Kif?

PRASSEDE — U Awreljo se jagħmel ħiltu kollha.... hux tassew ? Awreljo jaqbillu jekk iż-żwieġ iseħħ.... xi tgħid Awreljo?

SULTAN — Jaqbillu? Kif inhi din?

PRASSEDE — Għoxrin elf lira! Daqshekk idaħħal fil-but il-ħabib fidil tas-Sultan.

AWRELJO — Ixx.. iskot li ma jisimgħekx xi ħadd.

SULTAN — Tassew... li ma jisimgħekx xi ħadd. Għoxrin elf lira eh? U kif taħsbu li s-Sultan se jirnexxilu jibdel fehemtu.

PRASSEDE — Għandek raġun Kaptan, għax inti għadek ma tafx is-Sultan tagħna kemm hu imbeċilli...

SULTAN — Imbe ċilli ???

PRASSEDE — Moħħu qiegħed hemm għalxejn. Allaħares ma jkunux il-pariri u s-suġġerimenti tal-Kanċillier Awreljo... għax kieku s-Sultan ma jirnexxilu jagħmel xejn waħdu.

SULTAN — Prosit ħej!

PRASSEDE — Il-Kanċillier kapaċi jdawru hekk ara... fuq sebgħu ż-żgħir.. hux tassew Awreljo.

AWRELJO — Ħeqq.. mhux tort tiegħi hux... twelidt b'talent speċjali.

SULTAN — Prosit. Nifraħlek!

*<u>JIDĦOL FJAKK</u> (Lemin-1)*

FJAKK Nobbli Prassede, il-Maesta' tagħha tixtieqek tinżel ftit sal-ġnien.

PRASSEDE X'ġara.. jaqaw inqala' xi ħaġa ?

FJAKK Mid-dehra, il-Prinċipessa u l-maħbub tagħha intilfu qalb ix-xtieli t-twal tad-dalji u ħadd ma jista' jsibhom.

SULDAT 1 Mid-dehra l-maħbub tagħha tgħidx kemm iħobbhom id-dalji, għax qed jinstama' ħafna bews !

SULDAT 2 Hemm nofs id-dalji mgħaffġin!

PRASSEDE *(iddur fuq Awreljo u l-Kaptan)* Ippermettuli, f'dal-palazz Allaħares ma kontx jien.

*<u>TITLAQ</u> (Lemin-1)*

---

## XENA 15
Sultan - Awreljo

SULTAN *(irrabjat - ċiniku)* Għax lis-Sultan idawruh hekk... fuq sugħajhom iż-żgħir. Il-ħabib fidil tas-Sultan.

AWRELJO Tiħux għaliha tafx Maesta'... dik.. dik ... ma tafx x'inhi tgħid.

SULTAN Ma tafx x'inhi tgħid hux. Għoxrin elf lira.

AWRELJO Tibżax Maesta'... imbagħad jien nagħtik nofshom. *(Jipprova jwaqqa' kollox għaċ-ċajt)* Rajthom Maesta', belgħuha sa griżmejhom. Ħadd ma ssuspetta f'xejn.

SULTAN Iva... belgħuha sa griżmejnhom. Ilkoll se nbellgħalkom ħafna xorti sa griżmejkom... tibżax!

AWRELJO Jiena tista' sserraħ rasek minni, Maesta'. Minn fommi ma toħroġx kelma.

SULTAN Dażgur... għax inti l-ħabib fidil tas-sultan.

AWRELJO Hekk hu. *(ikun se jaqbad il-flixkun tax-xorb)*

SULTAN Ara biss tersaq lejn dak il-flixkun!

*JIDĦLU L-ERBA' SEFTURI TA' QABEL B'KAXXI ŻGĦAR TA' RIGALI F'IDEJHOM.* *(Lemin-2)*

---

**XENA 16**
Sefturi 1-2-3-4 -- Sultan - Awreljo

SEFTURA 1 Kaptan.... rigal ċkejken biex tibqa' tiftakar fija... Ġiżwarda.

SEFTURA 2 U dan mingħandi.... biex ma tinsieni qatt... Bennarda.

SEFTURA 3 Għalik... minn ġol-fond ta' qalbi... Lukarda.

SEFTURA 4 B'ħafna ammirazzjoni u xewqat ... Ġilarda.

SULTAN Qatt għadni ma ltqajt ma'tfajliet ħelwin u ġentili daqskom.

SEFTURI Tassew ?

SULTAN Li kieku l-lejla kont se noqgħod magħkom, għall-Ballu l-Kbir, ibqgħu żguri kont niżfen magħkom it-tlieta.

SEFTURA 1 X'inhu ġentili !

*JIDĦLU PRASSEDE u REĠINA* *(Lemin-1)*

## XENA 17

Sultan - Awreljo - Reġina - Prassede - Sefturi 1-2-3-4

PRASSEDE	Skużana li kellna nħalluk ftit waħdek, imma dik Ġjaċinta tgħidx kemm hi brikkuna.

REĠINA	Ħadet lil Dolindo ġo dak il-labirint...

AWRELJO	Labirint ?

REĠINA	Ġo dak.. hemm li jgħidulu *Maze...* qishom ħafna passaġġi tal-ħaxix wieħed jidħol ġol-ieħor. U ntilfu hemm ġew. Imbagħad jien dħalt infittixhom u ntlift jien ukoll.

PRASSEDE	Jien ngħidlek li dawk apposta daħlu hemmhekk.

SULTAN	Insomma nobbli sinjuri. Jiena tassew nirringrazzjakom ta' l-ospitalita' kbira tagħkom, imma issa sarli l-ħin u se jkolli nħallikom.

SEFTURI	*(B'diżappunt)* Hiiiiiii !

PRASSEDE	Xi dnub... kieku mqar tista' tibqa' għall-Ballu l-Kbir tal-lejla.

REĠINA	Kaptan nassigurawk li t-tifkira tiegħek se tibqa' hawn, ġo qalbna.

AWRELJO	Grokk ta' l-aħħar.... bis-saħħa tal-Kaptan Rodriquez de Fonseca.

KULĦADD	Bis-saħħa tal-Kaptan Rodriquez de Fonseca!

## XENA 18

Sultan - Awreljo -Prassede - Reġina - Sefturi kollha

*MUŻIKA (nru. 6)*
"LARGO AL FACTOTUM" (Rossini)
- mużika koreografata fejn kulħadd jixrob flimkien.
Naraw lil Awreljo jixrob u jitħanżer kemm jiflaħ.

## XENA 19

Sultan - Awreljo -Prassede - Reġina - Sefturi - Tabib

SULTAN	Nobbli sinjuri... insellmilkom...

KULĦADD Saħħa.. saħħa.. erġa' ejja arana... saħħa

*<u>SULTAN IKUN SEJJER LEJN</u> (Xellug-1)*
*<u>F'DAQQA WAĦDA JIŻLOQ U JMUR GĦAL DAHRU</u>.*

KULĦADD X'waħda din!

SULTAN Ajma.... ajma sieqi....

PRASSEDE Isaw... isaw... ejjew għinuh iqum.

AWRELJO Hawn kaptan... żomm miegħi...

REĠINA Poġġuh bil-qiegħda hemm ara fuq is-sufan....

PRASSEDE Bil-mod jaħasra .. ara tweġġgħuh.

SULTAN Ajma... ajma sieqi .. AJMA !.

PRASSEDE Morru sejħu lit-tabib.

*<u>SEFTURI JITILQU</u> (Lemin-2)*

AWRELJO Xi ġralek Kaptan ?

SULTAN Ma nafx. Uġigħ kbir hawn fl-għakża ta' sieqi.

REĠINA X'waħda din... żgur kisirha!

PRASSEDE *(Tersaq bil-qiegħda ħdejh)* Issa toqgħodx teċita ruħek, ħanini, hawnhekk tinsab f'idejn tajba.

*<u>JIDĦOL IT-TABIB</u> (Lemin-1)*

TABIB X'inqala'... qaluli li kien hawn daqsxejn ta' inċident.

PRASSEDE Il-Kaptan Rodriquez.. weġġa'siequ.

TABIB Warrbuli, ħa nara ftit. *(Jeżaminah -- Sultan jgħajjat bl-uġigħ)*

SULTAN Aħħ.. ajma....!

TABIB Milli qed nara fekkikt sieqek waħda sew u għandek bżonn... hmmm.... għandek bżonn imqar ġimgħa mistrieħ.

SULTAN Ġimgħa mistrieħ!!!

TABIB Dik is-sieq ma tistax timxi fuqha qabel ġimgħa.

SULTAN Imma jien ma nistax noqgħod hawn.. jien...

PRASSEDE Tinkwiet xejn ħanini, issa Awreljo jibgħat javża lill-vapur tiegħek li inti se qatta' ġimgħa hawn magħna. Issa tara kemm nieħdu ħsiebek.

SULTAN Ma jistax ikun.. ajma....

TABIB Jien se mmur inġiblek żewġ pilloli għall-uġigħ.

REĠINA U jien se mmur navża lil kulħadd li l-Kaptan se jqatta' ġimgħa magħna.

PRASSEDE Ħa mmur inġiblek imħadda għal wara dahrek.

*TABIB, PRASSEDE U REĠINA JITILQU*
*(Lemin-1)*

---

XENA 20
Awreljo - Sultan - Prassede - Tabib

SULTAN Issa x'se nagħmlu ?

AWRELJO Ma smajthiex x'qaltlek in-Nobbli Prassede? Issa agħmel ġimgħa hawn magħna.

SULTAN Jaqaw tridni niftaħlek rasek ktieb??? U s-sultan? Ajma! Ma tafx li qabel ma jien nitlaq minn hawn.. is-sultan ma jkunx jista' jiġi lura.

AWRELJO Kos, hux, tafx li għandek raġun.

SULTAN Ara x'għandna nagħmlu... mur baxx baxx lesti waħda mill-karozzelli... u malli nsibu ċans, ara kif tagħmel u għinni ftit biex niskappaw 'il barra.

*JIDĦLU PRASSEDE bl-imħadda f'idha u T-TABIB b'tazza ilma u l-pilloli. (Lemin-1)*

PRASSEDE Hawn, ħanini, ġibtlek l-imħadda.

TABIB *(B'tazza ilma u pilloli f'idu)* U hawn għandek il-pilloli... ixrob.

*SULTAN JIBLA' L-PILLOLI*

AWRELJO *(imur lejn il-flixkun tax-xorb)* U jien nixrob miegħek b'solidarjeta'.

SULTAN *(Lil Awreljo)* Inti ma kellekx tmur... hmmm.. tavża lill-vapur tiegħi?

AWRELJO *(Jibda jixxengel)* Il-vapur? X'inhu? Eh... iva.. il-vapur. Arani sejjer.

*<u>AWRELJO JITLAQ.</u> (Xellug-2)*

PRASSEDE *(lit-tabib)* U inti mur ara li għandek pilloli biżżejjed għall-Kaptan... għal ġimgħa sħiħa.

*<u>TABIB JITLAQ</u> (Lemin-1)*

PRASSEDE Kif tħossok ħanini? Issa toqgħod taħseb u tikkonfondi xejn. Se tkun il-mistieden ta' l-unur tagħna. Sewwa jgħidu kull deni ħudu b'ġid. Issa tara la jiġi s-Sultan kemm se jieħu gost jarak.

SULTAN Hekk taħseb?

PRASSEDE U hekk hu. Ħalli nnewwillek xi ħaġa tixrob. *(tmur tferragħli grokk)*

SULTAN Għadni kemm blajt il-pilloli.

PRASSEDE Tibżax, grokk jagħmillek ġid aktar mill-pilloli. Ħa... ixrob. Ara kemm se tkunu ħelwin flimkien inti u s-sultan. Tkunu qiskom tewmin. Insomma... inti tkun ħelu... imma hu.. ja wiċċ ta' fekrun!

SULTAN Mid-dehra, inti u s-Sultan ma tantx tmorru tajjeb.

PRASSEDE Bejnietna .... ma' dak ħadd ma jmur tajjeb.

SULTAN Tassew ?

PRASSEDE Supperv wisq! Imkabbar! Kattiv! Imma tibżax... jekk kollox imur kif qed infassal jiena, dalwaqt terġa' lura l-paċi ġo dal-palazz...

SULTAN Minix nifhmek tafx...

PRASSEDE Bejnietna, għażiż Kaptan.... miegħek inħoss li nista' nafda l-akbar sigrieti statali... għax inti ġentlom. Lis-sultan dalwaqt se neħilsu minnu.

SULTAN Tassew? Imma dan kif? *(Is-Sultan ikun qed jixrob)*

PRASSEDE *(B'ħafna ħabi)* Bejnietna... tliet qatriet velenu ġot-tazza tax-xorb...

*<u>KAPTAN JIXRAQ BIX-XORB</u>*
*<u>TIDĦOL IR-REĠINA</u> (Lemin-2)*

XENA 21

Sultan - Prassede - Reġina - Tabib

REĠINA Mama'.... qed isir il-ħin u s-Sultan għadu ma ġiex lura. Ma jidhirlix li soltu jdum daqshekk.

PRASSEDE Aktar ma jdum aħjar. Jaqbilli mmur nara kif sejrin il-preparamenti fis-sala l-kbira. Ippermettili.

*PRASSEDE TITLAQ (Lemin-1)*

REĠINA Issa tħabbel rasek xejn.. għall-Ballu nniżżluk bis-sufan b'kollox fis-sala l-kbira.

*JIDĦOL IT-TABIB (Lemin-2)*

TABIB *(Lill-Kaptan)* Kif tħossok? Mhux aħjar tipprova torqod ftit ?

REĠINA Iva.. aħjar inħalluh bi kwietu.

TABIB *(lir-Reġina... baxx, baxx)* Tgħidx kemm ili nfittxek. Qatt ma jkolli ftit ħin ... miegħek ...waħdi.

SULTAN *(Aside)* Ja grottlu li hu.... niftaħlu rasu ktieb.

REĠINA Dottor Siġismondo... nitobok... ħallini bi kwieti...

TABIB Ħadd daqsi ma jaf japprezza l-ħlewwa, il-qalb tajba, l-innoċenza u l-ġmiel bla qies tiegħek... *(Ikun se jersaq jgħannaqha)*

SULTAN *(Jgħajjat)* Ajma sieqi.....

REĠINA Xi ġralek għażiż Kaptan ?

SULTAN Xejn... xejn.. f'daqqa waħda ħassejt bħal barma

TABIB Għandek bżonn tistrieħ ftit bis-serjeta'. Imxi... Maesta'.. imxi ninżlu ftit fil-ġnien ħalli nħalluh fil-liberta'.

*TABIB U REĠINA JITILQU (Lemin-1)*
*JIDĦOL AWRELJO (Xellug-2)*

XENA 22
Sultan - Awreljo

AWRELJO Maesta'....

SULTAN Ixxx....

AWRELJO Ġietni idea.

SULTAN Dik il-wiċċ ta' gamblu trid tavvelenani.

AWRELJO Issa ħallik minn dal-ħmerijiet.

SULTAN Ħmerijiet! U dak l-aringa spulpjata moħħu biex jittanta lir-reġina. Imma tibżax... ilkoll inqegħedhom f'posthom. Ajma sieqi !!

AWLRELJO Ġietni idea. Nikteb ittra taparsi waslitilna minn grupp ta' terroristi; taparsi qabdu lis-sultan u qed iżommuh bħala ostaġġ. Għalih taparsi qed jitolbuna somma ta' għoxrin elf lira.... inkella joqtluh.

SULTAN Is-sultan jiswa aktar minn hekk. Ħamsin elf !

AWRELJO Kollox sew ħamsin elf. Imbagħad nagħmlu ġimgħa sħiħa nittrattaw magħhom. Nibagħtulhom it-tweġiba tagħna u nirċievu r-risposti tagħhom. Matul dil-ġimgħa sieqek tilħaq tfiq.. imbagħad inti stess... il-ġentlom u qalbieni Kaptan Rodriquez toffri li tmur bil-flus għand it-terroristi... u naturalment... is-sultan jiġi lura.

SULTAN Mid-dehra lilek ix-xorb iħaddimlek moħħok aħjar. Sa fl-aħħar ħsibt waħda tajba. Mur fittex ikteb l-ittra, mela, u agħtiha lil Prassede.

AWRELJO Grokk ieħor biex inkompli nħaddem moħħi aħjar. *(jixrob)*

SULTAN Mur ara x'għandek tagħmel.

*AWRELJO JITLAQ (Xellug-2)*

*JIDĦOL IL-MARKIŻ ALFIERO DI XPAKKA MUNTANJI (Xellug-1)*

---

XENA 23
Markiż - Sultan - Reġina

MARKIŻ Sibtek sa fl-aħħar ja Pulċinell żmattat. Qum u lesti ruħek għad-dwell.

SULTAN X'waħda din... xi trid minni... min inti ?

MARKIŻ Eh issa ma tafx min jiena? Insejtni... wara li kellek l-ardir tibgħatli ittra insolenti bħal dik? Jien l-illustrissimu Markiż Alfiero di Xpakka Muntanji... missier il-qalbieni Dolindo. Qum minn hemmhekk ja ġifa u għid it-talba ta' l-indiema.

*<u>TIDĦOL IR-REĠINA</u> (Lemin-1)*

REĠINA X'waħda din... x'ġara nobbli Markiż ?

MARKIŻ X'ġara? Staqsi lill-għażiż żewġek ħa jgħidlek hu x'ġara.

REĠINA Le... le... għandek żball... dan mhux is-sultan.

MARKIŻ Kif mhux is-sultan ?

REĠINA Ma smajtx bih il-Kaptan Rodriquez de Fonseca... Kaptan Spanjol li jixbah perfettament lis-sultan ?

MARKIŻ Kaptan Spanjol ?

SULTAN Hekk hu... kulħadd jaħsibni s-Sultan... imma jiena Rodriquez...

MARKIŻ Ħa nara ftit. *(jersaq iħares f'għajnejh)* Hmmm... xebh tassew preċiż... preċiż.... imma... għandkom raġun.. dan mhuwiex is-sultan. Is-sultan aktar donnu wiċċ ta' żrinġ. Inti tidher ġentlom. Skużani ta' l-iżball tiegħi. Fejn hu s-sultan. Ġibuh hawn quddiemi ħa nxoqqu min-nofs. Nurih jien min huwa l-Markiż Alfiero di Xpakka Muntanji.

REĠINA Is-Sultan mid-dehra llum se jdum ma jiġi. Tibżax... imbagħad xoqqu aktar tard. Issa imxi ara kemm żejjinnieha sabiħa is-sala tal-Ballu.

MARKIŻ *(Jerġa' jmur iħares ġo wiċċ is-sultan)* U s-sultan għandu mnieħru aktar qisu patata!

*<u>MARKIŻ U REĠINA JITILQU</u> (Lemin-1)*
*<u>JIDĦLU DOLINDO U ĠJAĊINTA</u> (Xellug-2)*

---

XENA 24

Sultan - Ġjaċinta - Dolindo

ĠJAĊINTA Qalulna li se tqatta' ġimgħa magħna.

DOLINDO Unur kkkkbir għalina li nilqgħuk fil-ppppalazz tagħna.

SULTAN Il-palazz <u>tagħna</u> għidt?

ĠJAĊINTA Għax.. inti ma tafx... jien u Dolindo dalwaqt niżżewġu bil-moħbi tal-Papa'... imbagħad meta Dolindo jkun żewġi, il-palazz ikun tiegħu ukoll.

SULTAN <u>Meta</u> jkun żewġek.

ĠJAĊINTA U malli jmut is-sultan... Dolindo jilħaq sultan minfloku.

DOLINDO *(Wieqaf dritt jippoża)* L-Eċċċċċellenza Illustrissima TTTTiegħu DDDDolindu l-Ewwel.

SULTAN Bil-fors li jien qed noħlom.

*<u>JIDĦLU AWRELJO, PRASSEDE, REĠINA</u>*
*(Lemin-2)*

---

## XENA 25

Sultan, Awreljo, Reġina - Prassede - Ġjaċinta - Dolindo

PRASSEDE *(Ferħana se ttir... bl-ittra f'idha)* Aħbar tajba... aħbar tal-ġenn... lis-Sultan qabduh it-terroristi.

REĠINA *(Eċitata bil-ferħ)* Se jżommuh ostaġġ.

AWRELJO Qed jitolbu għalih ħamsin elf lira... inkella joqtluh.

PRASSEDE Qatt ma ħlomt li għad tiġrilna ħaġa sabiħa bħal din. Lil Awreljo diġa ddettajlu l-ittra li għandu jwassal lit-terroristi.
*(Taqra l-Ittra)*
"Għeżież terroristi ġenerużi,
Nirringrazzjawkom ta' dan il-ġest ġentili tagħkom. Lis-sultan tistgħu żżommuh u toqtluh kemm jogħġbkom. Grazzi tal-ħsieb nobbli tagħkom u nwegħdukom il-koperazzjoni kollha tagħna."

SULTAN Kif... allura mintomx se teħilsuh?

REĠINA Ma tarax. Lanqas li kieku talbuna nagħtuhom ħamsin elf ċenteżmu... aħseb u ara ħamsin elf lira.

AWRELJO *(Nofsu fis-sakra)* Sa fl-aħħar ħa li ħaqqu.

PRASSEDE Ja żmagat li hu!

SULTAN Allura .. allura... issa l-pajjiż se jispiċċa bla sultan.

REĠINA Le għażiż Kaptan... aħna ġa ħsibna għal kollox. Għidlu.. għidlu inti, Mama'.

PRASSEDE Għażiż nobbli Kaptan, aħna ħsibna li inti issa jaqbel tibqa' hawn magħna għal kollox. Illibbsuk taparsi s-Sultan u ħadd ma jkun jaf li s-sultan propju safa maqtul mit-terroristi.

SULTAN X'inhi??? Kif???

PRASSEDE Imbagħad inti tiżżewweġ lir-Reġina Flora. Ilkoll intbaħna kif tlift rasek wara l-ġmiel tar-Reġina. B'hekk kollox jibqa' miexi kif kien qabel. Qisu qatt ma ġara xejn.

AWRELJO U b'hekk minn Kaptan tilħaq Sultan.

REĠINA Xi tgħid għażiż tiegħi ?

SULTAN Nerġa' niżżewweġ lir-Reġina.......

REĠINA Nittama li mintix miżżewweġ diġa, hux?

AWRELJO Le... le... ġuvni dak... għażeb.

PRASSEDE Allura m'hemm l-ebda problema. *(Lil Awreljo)* Fittex mur ġiblu l-mant tas-sultan u l-kuruna.

*<u>AWRELJO JITLAQ</u> (Lemin-1)*

ĠJAĊINTA Imbagħad inti tagħti l-kunsens tiegħek għaż-żwieġ tagħna t-tnejn... għax inti qalbek tajba... mhux bħal ma kien missieri...

PRASSEDE Dażgur li jagħtikom il-kunsens tiegħu... hux tassew nobbli Kaptan.

SULTAN Kunsens.. hemm.. iva.. dażgur.. dażgur....

*<u>AWRELJO JIDĦOL BIL-MANT U L-KURUNA</u>*
*(Lemin-1)*

AWRELJO U lili jagħtini l-permess nixrob kemm irrid.. mhux bħal dak l-imbeċilli ta' Sultan li kellna.

SULTAN Afli qed inħoss rasi ddur bija.

PRASSEDE Hawn isa fittex ilbes il-mant u l-kuruna... hekk ara.

ĠJAĊINTA Mela sa fl-aħħar il-ħolma tagħna se sseħħ. Dolindo tiegħi.

DOLINDO ĠĠĠjaċinta.

ĠJAĊINTA Dolindo

DOLINDO ĠĠĠjaċinta.

PRASSEDE Donnu s-Sultan innifsu !

*<u>META L-KAPTAN IKUN LIEBES TA' SULTAN</u>*
*<u>KULĦADD IDUR LEJH</u>.*
*<u>JIDĦLU S-SULDATI (Xelluq-2)</u>*
*<u>JIDĦLU S-SEFTURI (Lemin-2)</u>*

PRADDESE Bis-saħħa tas-Sultan maħbub Tagħna Ġann-Karlu l-Ewwel
Long Live the King.

KULĦADD Long Live the King.

*<u>JIDĦOL IL-MARKIŻ BIX-XABLA F'IDU</u> (Lemin-1)*

MARKIŻ Sibtek sa fl-aħħar ja ġifa pulċinell. Lesti ruħek ħalli nxoqqok min-nofs.

KULĦADD Le.. jaħasra le... żommuh...

SULTAN Ajjut !

---

S E P A R J U

---